QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

MAGISTRAT : DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDE CIVILI

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 30 TA' MARZU 2001

Avviz Nru 742/94DM

Joseph Fava bhala prokuratur tal-imsiefer Joseph Debattista

vs

John u Mary konjugi Vella

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-attur nomine fejn talab lil din il-Qorti sabiex il-konvenuti jizgumbraw fi zmien qasir u perentorju mit-terran numru 62, New Street, Paola, li l-konvenuti qed jokkupaw abusivament u minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 17 t'Awissu 1994 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ghall-fini tal-kompetenza jigi dikjarat li l-valur lokatizju tal-fond in kwistjoni ma jeccedix l-ghoxrin lira maltin (Lm20).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti John u Mary konjugi Vella fejn eccepew:

1 In linea preliminari, l-inkompetenza ta' din il-Qorti rationae materiae ai fini ta' l-artikolu 47(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2 Sekondament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, il-konvenuta Mary Vella wirtet l-inkwilinat tal-fond de quo li huwa r-residenza ordinarja taghha minn missierha John peress li kienet tghix mieghu aktar minn sena qabel ma miet u kwindi jirrizulta manifestament it-titlu tal-konvenuti.

3 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti fejn esponew bir-rispett;

1 Illi jidher li l-attur mhux il-proprjetarju tal-fond de quo u kwindi m'ghandux interess guridiku fil-kawza kif jirrizulta mill-anness ittra dokument AB1.

Rat il-verbal tal-20 t'Ottubru 1994 fejn il-Qorti cahdet l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti.

Rat il-verbal tat-3 ta' Marzu 1995 fejn il-konvenuti irtiraw l-eccezzjoni ulterjuri taghhom.

Rat il-verbal tat-3 ta' Dicembru 1996 fejn il-konvenuti kkonfermaw il-kontenut tal-verbal hawn fuq indikati;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Evidentement bl-eccezzjoni fil-meritu, ibbazata fuq allegazzjoni ta ‘ titolu ta lokazzjoni derivanti mill-wirt ta missier il-konvenuta, il-konvenuti ma humiex qed jghamlu riferenza ghall-provvedimenti tal-Kodici Civili u jezigu d-dritt li jkomplu biss fil-lokazzjoni sat-terminazzjoni biss tal-iskadenza korrenti, izda qed jirreferu ghall-provvedimenti tal-Artikolu 2 tal-Kap. 69 fejn taht it-tifsira ta “kerrej” fl-inciz (b), dik il-ligi inkludiet ukoll, *“f’kaz ta dar ta abitazzjoni, meta l-kerrej ma jhallix armla jew armel, dawk il-membri tal-familja tal-kerej li jkunu qed joqoghdu mieghu fiz-zmien tal-mewt tieghu.”*

Huwa accettat illi l-fond in kwistjoni kien moghti b’lokazzjoni lill John Ellul (v. deposizzjoni tan-Nutar Dr Paul Pullicino) li miet fil-31 ta’ Awissu 1993 u li dan kien missier il-konvenuta Mary Vella.

Jirrizulta ukoll li ghal xi sena qabel il-mewt tal-istess John Ellul, il-konvenuti konjugi Vella kienu jiffrekwentaw sew lill-istess John Ellul u anke jorqdu mieghu bil-lejl u ghalhekk irid jigi determinat jekk, mic-cirkostanzi kollha tal-kaz, id-diportament kollhu tal-istess konvenuti qabel il-31 ta’ Awissu 1993 kienx jammonta ghall-kwalifika li jezigi l-imsemmi Kap. 69 ta “*joqghodu mieghu”.*

Gie diversi drabi ritenut illi biex wiehed jista jigi kkunsidrat li qed joqghod mal-kerrej, huwa jkun irid igib prova li huwa ghamel mill-fond mikri ir-residenza principali tieghu, fejn izomm dak kollhu li huma jinhtieg biex jirrilassa, jorqghod, jiekol, jixrob, jsegwi d-delizzi, jahdem, jiehu hsieb il-familja tieghu, jircievi l-korrispondenza u l-visti tan-nies, fejn izomm il-hwejjeg ta’ l-ilbies u l-oggetti personali tieghu; cioe’ fejn notorjament ikun meqjus li jghix u fejn effettivament ikun qieghed jghix.

Dan evidentement jeskludi xi residenza alternattiva li tikkwalifika ukoll bhala post fejn ikun qed “joqghod”.

Mill-provi jirrizulta illi l-konvenuti sa Jannar 1992 kienu jabitaw esklussivament gewwa d-dar taghhom fil-Housing Estate, fil-Gudja (mixtri minnhom xi 6 snin qabel) flimkien ma binhom li dak iz-zmien kellhu 23 sena u ghalkemm jallegaw li marru jabitaw fil-fond ‘de quo’ jirrizultaw is-segwenti fatti u cirkostanzi:

i) Iben il-konvenut ma segwiex il-genituri
ii) Il-konvenuta dejjem baqghet tmur fil-fond tal-Gudja biex tiehu hsieb id-dar u lill-binha;
iii) Il-fond ‘de quo’ fih biss tlett kmamar u konsegwentement ma kien jippermetti lill-konvenuti li jorqdu flimkien u lanqas b’mod sura jew komdu, bil-kovenuta torqod fis-sallott u l-konvenut taht it-tarag;
iv) Il-konvenuti hallew l-indirizz tar-residenza fil-Gudja ghall-iskopijiet ta Karta ta Identita u votazzjoni f’elezzjoni;
v) Hallew il-mobbli kollha taghhom fil-fond tal-Gudja li jipprova li anke ghalhekk hallew l-ilbies u oggetti personali warajhom stante il-limitazzjonijiet tad-dar ‘de quo’ digia residenza ta John Ellul;
vi) Il-konvenuti baqghu jircievu l-posta fil-fond tal-Gudja;
vii) Zammew il-pussess u l-proprjeta’ tal-istess fond fil-Gudja;
viii) Zammew fuq isemhom is-servizz ta ilma, luce eletrika u telefon fid-dar tal-Gudja u qatt ma qalbhu fuq isimhom l-istess servizzi fil-fond ‘ de quo’ lanqas wara l-mewt tal-kerrej;

Dawn l-indizji kollha jeskludu fil-fehma tal-Qorti mhux biss li l-konvenuti qatt ma marru joqghodu fil-fond ‘de quo’ izda ukoll li qatt ma kellhom din l-intenzjoni li s-sagrificcji li ghamlu biex ghaddew xi ljieli fil-fond ‘de quo’ kienu dettati esklussivament mix-xewqa li jiehdu l-lokazzjoni tal-fond u forsi mid-dover tal-konvenuta li tikkura lill-missierha fl-ahhar jiem ta hajthu.

Ghalhekk issib illi l-konvenuti ma jikkwalifikawx bhala kerreja tal-fond ‘de quo’ u konsegwentement m’ghandhom ebda titolu biex jibqghu jiddetjenu l-pussess tal-fond.

Ghal dawn il-motivi tilqa t-talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jizgumbraw mill-fond ‘de quo’ f’62, New Street, Paola, fi zmien tletin (30) jum mill-lum.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

Mag Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep Reg
Civ23